


Rakkomandazzjoni

dwar il-preservazzjoni ta' kapital bażiku ta' Grad 1 matul it-tranżizzjoni għall-qafas tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital/Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital



Werrej

1.	Sommarju Eżekuttiv	3
2.	Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar il-preservazzjoni u s-sorveljanza superviżorja ta' livelli tranżizzjonali ta' kapital nominali tal-Grad 1	4
	Anness I: Awtoritajiet kompetenti	7
	Anness II: Istituzzjonijiet ta' kreditu	8
	Anness III: MUDELL TA' MONITORAĠĠ TA' PRESERVAZZJONI TA' KAPITAL – semiannwali	9
	Anness IV: MUDELL TA' MONITORAĠĠ TA' MIGRAZZJONI GĦAS-CRD/CRR - annwali	10
	Anness V: Formola għall-konferma tal-awtoritajiet kompetenti ta' konformità mar-rakkomandazzjoni	10

1. Sommarju Eżekuttiv

1. Bħala parti minn sett ta' miżuri biex terġa' tinġieb għal li kienet il-fiduċja fis-settur bankarju tal-UE I-EBA, f'Diċembru 2011, ħarġet rakkomandazzjoni lil awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni li kienet tindika li banek parteċipanti tal-UE kellhom jgħollu l-proporzjon bażiku tal-Grad 1 ('CT1'). L-objettiv tar-rakkomandazzjoni kien li jkun żgurat kapital suffiċjenti għal telf mhux mistenni jekk il-qagħda finanzjarja kellha teħżien aktar.
2. Il-pakkett tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD)¹ u tar-Regolament dwar ir-Rekwiżit ta' Kapital (CRR)² bidel il-qafas legali li jivvaluta l-livelli kapitali u għalhekk, I-EBA ddeċidiet, li r-riżervi ta' kapital stabbiliti bir-rakkomandazzjoni tagħha ta' Diċembru 2011 għandhom ikunu ssostitwiti b'miżura ġdida ta' preservazzjoni ta' kapital.
3. Skont ir-rekwiżit ta' preservazzjoni ta' kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-banek iżommu limitu minimu ta' kapital skont livell nominali ta' unitajiet monetarji (p.eż. ewros) ta' kapital bażiku tal-Grad 1. Il-limitu minimu nominali jaqbel mal-ammont ta' kapital meħtieġ biex jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni ta' Diċembru 2011 fit-30 ta' Ġunju 2012. Kull meta l-livelli ta' kapital ta' banek jaqgħu taħt il-limitu minimu nominali, il-banek ikunu mistennija jipproduċu pjanijiet kredibbli biex il-livelli jerġgħu jinġiebu għal li kienu. Jingħataw rinunzji limitati biss abbażi ta' każ każ, u jkunu diskussi fid-dettal minn kulleġġi ta' superviżuri, biex ikun jista' jkun hemm pjanijiet ta' ristrutturazzjoni jew programmi speċifiċi ta' 'tnaqis ta' riskju'. L-Awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jirrinunzjaw għar-rekwiżit tal-limitu minimu nominali meta jitqies li l-kapital ikun aktar minKomuni u r-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital imkejla skont regoli tas-CRD/CRR implimentati b'mod sħiħ. Deċiżjonijiet bħal dawn għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti rilevanti u jkunu deċiżi minnha wara diskussjoni u konsultazzjoni mal-EBA u ma' kull kulleġġ tas-superviżuri rilevanti.
4. L-Awtoritajiet kompetenti huma r-rakkomandati li jivvalutaw pjanijiet ta' banek dwar kapital għat-tranżizzjoni għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-CRD/CRR, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-introduzzjoni gradwali u tal-livell finali tar-rekwiżiti l-ġodda. Għal dan il-għan, il-banek għandu jkun jeħtiġilhom jissottomettu l-pjanijiet dwar il-kapital tagħhom flimkien mal-mudelli ta' monitoraġġ fl-Annessi III u IV lil awtoritajiet nazzjonali sad-29.11.2013. Il-pjanijiet dwar kapital u l-mudelli jinqas mal-EBA. L-awtoritajiet nazzjonali, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet rilevanti oħra fi hndan kulleġġi ta' superviżuri, skont kif ikun jixraq, u mal-EBA, għandhom jivvalutaw pjanijiet dwar kapital ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għat-tranżizzjoni għall-implimentazzjoni sħiħa tas-CRD/CRR. Meta jkunu qed jeżaminaw mill-ġdid pjanijiet dwar il-kapital, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddiskutu u jjsfidaw assunzjonijiet tal-banek u jqisu l-impatt ta' avvenimenti ta' stress fuq il-vijabbiltà tal-pjanijiet. Bħala riżultat, għandhom ikunu applikati miżuri biex jinżamm il-kapital, bħal restrizzjonijiet fuq dividendi u pagamenti varjabbli

1 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

2 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

oħra, u kull miżura oħra meqjusa meħtieġa u xierqa mill-awtoritajiet kompetenti b'konsultazzjoni mal-EBA biex ikun indirizzat kull nuqqas fil-pjanijiet.

2. Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar il-preservazzjoni u s-sorveljanza superviżorja ta' livelli tranżizzjonali ta' kapital nominali tal-Grad 1

Status ta' din ir-Rakkomandazzjoni

5. Dan id-dokument fih rakkomandazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni.
6. Ir-rakkomandazzjoni tindika l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja u kif il-liġi tal-Unjoni għandha tkun applikata f'qasam partikolari. L-EBA, għalhekk, tistenna li l-awtoritajiet kompetenti kollha li lilhom hija indirizzata r-rakkomandazzjoni jikkonformaw magħha. L-Awtoritajiet kompetenti li għalihom tapplika r-rakkomandazzjoni għandhom jikkonformaw billi jinkorporawha fil-prattiki superviżorji tagħhom kif jixraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi ta' superviżjoni tagħhom).

Rekwiżiti ta' Rapportar

7. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biħsiebhom jikkonformaw ma' din ir-rakkomandazzjoni, jew xort'oħra bir-raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, sat-22 ta' Settembru 2013. Fin-nuqqas ta' notifikazzjoni sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li ma jikkonformawx. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tkun sottomessa l-formola pprovduta fl-Anness V lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/REC/2013/03'. In-notifiki għandhom ikunu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
8. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fil-websajt tal-EBA, skont l-Artikolu 16(3).

IL-BORD TAS-SUPERVIŻURI TAL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni EBA DC 001 tal-Awtorità Bankarja Ewropea ("EBA") tat-12 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 14(2) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Bord tas-Superviżuri tal-EBA ddeċieda li l-proporzjon tal-kapital bażiku tal-Grad 1 stabbilit mir-rakkomandazzjoni tiegħu ta' Diċembru 2011 għandu, fil-kuntest tax-xenarju legali li qed jinbidel matul it-tranżizzjoni gradwali tal-Unjoni għall-qafas sħiħ adottat fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD)³ u fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)⁴, ikun issostitwit b'miżura ġdida dwar il-preservazzjoni ta' kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ewlenin tal-Unjoni.
- (2) Għalkemm il-kondizzjonijiet tas-suq tjiebu minn meta l-EBA ħarġet ir-rakkomandazzjoni tagħha dwar ir-rikapitalizzazzjoni tat-8 ta' Diċembru 2011 (EBA/REC/2011/1), il-preservazzjoni ta' livell tranżizzjonali ta' kapital nominali hija meħtieġa u ġustifikata minħabba l-volatilità kontinwa fis-swieq finanzjarji. Hemm hteġġa li jiddaħħlu miżuri effettivi biex ikun ippreservat il-kapital u b'hekk tinżamm l-istabbiltà fis-settur bankarju. Barra dan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma mistennija li jsaħħu aktar il-livell ta' kapital tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti aktar stretti stabbiliti fir-rekwiżiti leġislativi l-ġodda, li għandhom jiddaħħlu gradwalment.
- (3) Minħabba li matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, rekwiżiti minimi ta' kapital jistgħu jkunu anqas ibsin minn dawk stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-EBA ta' Diċembru 2011, istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkun jeħtiġilhom jippreservaw il-livell ta' kapital tagħhom. Skont dan ir-rekwiżit ġdid ta' preservazzjoni ta' kapital, is-superviżuri għandhom jimmonitorjaw ammont nominali denominat fil-munita kurrenti ta' rapportar (eż. ewros) ta' kapital bażiku tal-Grad 1 li jkun jaqbel mal-ammont ta' kapital meħtieġ biex jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tat-8 ta' Diċembru 2011 fit-30 ta' Ġunju 2012. Dan il-limitu minimu nominali għandu jkun immonitorjat attivament mis-superviżur li jikkonsolida, flimkien mal-EBA u ma' kulleġġi ta' superviżjoni, biex ikun żgurat li jinżamm.
- (4) L-awtoritajiet kompetenti, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra fi ndan kulleġġi ta' superviżuri kif ikun jixraq u mal-EBA, għandhom jivvalutaw pjanijiet dwar kapital ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għat-tranżizzjoni għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni sħiħa tas-CRD/CRR. Meta jkunu qed jeżaminaw mill-ġdid pjanijiet dwar kapital, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiddiskutu u jisfidaw assunzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u jqisu l-impatt ta' avvenimenti ta' stress fuq il-vijabbiltà tal-pjanijiet. Bħala riżultat, għandhom ikunu applikati miżuri biex jinżamm il-kapital, bħal restrizzjonijiet fuq dividendi u pagamenti varjabbli oħra u kull miżura oħra meqjusa meħtieġa u xierqa mill-awtoritajiet kompetenti u mill-EBA biex ikun indirizzat kull nuqqas fil-pjanijiet.
- (5) L-Awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jstgħu jirrinunzjaw għal-limitu minimu nominali f'każijiet ta' pjanijiet ta' ristrutturazzjoni u programmi speċifiċi ta' tnaqqis ta' riskju u għal dawk il-banek li l-livell tagħhom tal-Grad 1 ta' ekwità komuni jkun 'il fuq mir-rekwiżiti minimi ta'

3 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

4 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

kapital u mir-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital imkejla skont rekwiżiti tas-CRD/CRR implimentati b'mod sħiħ.

- (6) Din ir-rakkomandazzjoni għandha tistabbilixxi l-formoli ta' monitoraġġ li għandhom ikunu sottomessi minn istituzzjonijiet ta' kreditu biex jirrapportaw il-komponenti ewlenin tal-pożizzjonijiet tal-kapital tagħhom u l-konformità mal-livelli applikabbli ta' kapital.
- (7) Minħabba li din ir-rakkomandazzjoni tibni fuq ir-rakkomandazzjoni EBA/REC/2011/1 fid-dawl tal-esperjenza ta' superviżjoni u tat-tibdiliet fis-CRD/CRR u hija mmirata għal għadd limitat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, mhux meħtieġ li ssir konsultazzjoni pubblika.
- (8) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tkun ippubblikata fil-websajt tal-EBA.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness I ("l-awtoritajiet kompetenti"), bħala l-awtoritajiet nazzjonali tal-istat tad-domiċilju b'responsabbiltà ewlenija li jagħmlu superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati fl-Anness II ("l-istituzzjonijiet ta' kreditu"), huma rakkomandati li jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu fuq bażi kontinwa sa dak iż-żmien meta din ir-rakkomandazzjoni tkun emendata, mħassra jew ikkanċellata, il-livell nominali ta' kapital bażiku tal-Grad 1 deskritt fil-paragrafu 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dan permezz tal-eżami mill-ġdid, l-evalwazzjoni u d-determinazzjoni tagħhom ta' jekk il-fondi tagħhom stess miżmumin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu jiżgurawx ġestjoni tajba u kopertura tar-riskji tagħhom.
2. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu limitu minimu nominali ta' kapital denominat fil-munita rilevanti ta' rapportar tal-kapital bażiku tal-Grad 1 kif iddefinit fir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2011/1 li jaqbel mal-ammont ta' kapital meħtieġ fit-30 ta' Ġunju 2012 biex jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2011/1. Strumenti ta' kapital kontinġenti li jikkonformaw mad-dokument komuni dwar il-kondizzjonijiet ('common termsheet') u li nħarġu qabel it-30 ta' Ġunju 2012 biex jissodisfaw il-proporzjon jibqgħu eliġibbli għal dan il-għan biss.
3. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jeżaminaw mill-ġdid pjanijiet dwar kapital tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn il-pjanijiet għandhom jispjegaw kif l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD) u tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u għandhom ikopru l-perjodu tranżizzjonali kollu sakemm ikunu implimentati u applikati b'mod sħiħ dawk l-atti leġislattivi.
4. L-Awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw għar-rekwiżit tal-limitu minimu nominali meta jkun iddeterminat li l-kapital ikun aktar minn dak meħtieġ biex jintlaħqu r-rekwiżiti minimi tal-Grad 1 ta' ekwità komuni u r-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital imkejla skont ir-rekwiżiti tas-CRD/CRR implimentati b'mod sħiħ. Deċiżjonijiet bħal dawn għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti rilevanti u jkunu deċiżi minnha wara diskussjoni u konsultazzjoni mal-EBA u f'kull kulleġġ ta' superviżuri rilevanti.
5. Minbarra dan, l-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jesigū li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jippreżentaw pjanijiet biex il-limitu minimu nominali msemmi fil-paragrafu 2 jinġieb għal li kien meta l-assorbiment ta' telf ikun ikkawża t-tnaqqis tiegħu, u jżommu lill-kulleġġi ta' superviżuri u lill-EBA mgħarrfin dwar il-progress fl-infurzar tal-pjanijiet.
6. L-awtoritajiet kompetenti huma wkoll irrakkomandati li:
 - a) jesigū li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jissottomettu sad-29.11.2013 pjanijiet adatti dwar kapital u formoli ta' monitoraġġ skont il-formoli fl-Annessi III u IV li juru li jkunu qed jiġu ppreservati livelli xierqa ta' kapital biex jiżguraw li t-tranżizzjoni għal implimentazzjoni u applikazzjoni sħaħ tas-CRD/CRR tinkiseb b'mod xieraq u f'waqt;

- b) jiddiskutu u jisfidaw assunzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jqisu l-impatt ta' avvenimenti ta' stress fuq il-vijabbiltà tal-pjanijiet tagħhom;
- c) jiddeferixxu l-qbil tagħhom dwar il-pjanijiet dwar kapital sakemm dawn ikunu ġew eżaminati mill-ġdid, inqasmu u kkonsultaw mal-EBA u fi ħdan kulleġġi ta' superviżuri rilevanti;
- d) jieħdu approċċ koordinat ta' superviżjoni, b'konsultazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti u mal-EBA, għall-għoti ta' rinunzi għar-rekwiżit ta' limitu minimu nominali bħala parti minn pjanijiet ta' ristrutturar u għal programmi speċifiċi ta' tnaqqis ta' riskju. Rinunzi bħal dawn għandhom jingħataw biss f'każijiet fejn il-pjanijiet ta' ristrutturar jew programmi ta' tnaqqis ta' riskju jwasslu għal tnaqqis sustanzjali ta' riskju⁵;
- e) jieħdu miżuri xierqa, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti u mal-EBA, biex jindirizzaw nuqqasijiet fil-pjanijiet dwar il-kapital jekk il-vijabbiltà ta' dawn il-pjanijiet tkun dubjuża;
- f) jeżaminaw mill-ġdid pjanijiet dwar kapital ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mill-anqas kull sena, b'konsultazzjoni mal-EBA u ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra f'kulleġġi ta' superviżuri kif xieraq.
7. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tkun eżaminata mill-ġdid maż-żmien u f'kull każ sal-31 ta' Diċembru 2014.
8. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tapplika mit-22 ta' Lulju 2013. Ir-rakkomandazzjoni tat-8 ta' Diċembru 2011 (EBA/REC/2011/1) hija rrevokata mill-istess data, ħlief għall-fini tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' din ir-rakkomandazzjoni.

Magħmul f'Londra, 22 ta' Lulju 2013

Andrea Enria
Il-President tal-EBA

Annex I: Awtoritajiet kompetenti

Pajjiż	Awtorità Kompetenti
AT	Finanzmarktaufsicht, FMA (L-Awtorità tas-Suq Finanzjarju)
BE	Il-Bank Nazzjonali tal-Belġju (NBB)
CY	Il-Bank Ċentrali ta' Ċipru
DE	Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (BaFin)
DK	Finanstilsynet (L-Awtorità Daniża ta' Superviżjoni Finanzjarja)
ES	Banco de España (Il-Bank ta' Spanja)
FI	Finanssivalvonta (L-Awtorità Finlandiża ta' Superviżjoni Finanzjarja)
FR	Autorité de Contrôle Prudentiel, ACP (L-Awtorità ta' Kontroll Prudenzjali)
GB	Prudential Regolament Awtorità (L-Awtorita ta' Regolamentazzjoni Prudenzjali)
HU	Pénzügyi Szervezetek Állami Felügyelete (L-Awtorità Ungeriża ta' Superviżjoni Finanzjarja)

5 Proċessi ordnati ta' diżingranaġġ diġà miftiehma formalment ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew ma' istituzzjonijiet tal-UE qabel il-31.08.2013 għandhom, jekk sottomessi lill-awtorità kompetenti u mmonitorjati minnha, ukoll ikunu permessi. L-istess kondizzjonijiet ikunu japplikaw f'xi każijiet għal pjanijiet formali ta' ristrutturar.

IE	Central Bank of Ireland (Il-Bank Ċentrali tal-Irlanda)
IT	Banca d'Italia (Il-Bank tal-Italja)
LU	Commission de Surveillance du Secteur Financier, CSSF (Il-Kummissjoni għas-Superviżjoni tas-Settur Finanzjarju)
MT	Malta Financial Services Awtorità (MFSA) (L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta)
NL	De Nederlandsche Bank, DNB (Il-Bank Nazzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi)
NO	Finanstilsynet (L-Awtorità ta' Superviżjoni Finanzjarja tan-Norveġja)
PL	Komisja Nadzoru Finansowego (L-Awtorità Pollakka ta' Superviżjoni Finanzjarja)
PT	Banco de Portugal (Il-Bank tal-Portugall)
SE	Finansinspektionen (L-Awtorità Svediża ta' Superviżjoni Finanzjarja)
SI	Banka Slovenije (Il-Bank tas-Slovenja)

Anness II: Istituzzjonijiet ta' kreditu

Kodiċi	Ismijiet ta' banek
AT001	ERSTE GROUP BANK AG
AT002	RAIFFEISEN ZENTRALBANK ÖSTERREICH (RZB)
BE005	KBC BANK
CY006	CYPRUS POPULAR BANK PUBLIC CO LTD
CY007	BANK OF CYPRUS PUBLIC CO LTD
DE017	DEUTSCHE BANK AG
DE018	COMMERZBANK AG
DE019	LANDESBANK BADEN-WÜRTTEMBERG
DE020	DZ BANK AG DT. ZENTRAL-GENOSSENSCHAFTSBANK
DE021	BAYERISCHE LANDESBANK
DE022	NORDDEUTSCHE LANDESBANK –GZ
DE023	HYPO REAL ESTATE HOLDING AG, MÜNCHEN
DE025	HSH NORDBANK AG, HAMBURG
DE026	LANDESBANK HESSEN-THÜRINGEN GZ, FRANKFURT
DE027	LANDESBANK BERLIN AG
DE028	DEKABANK DEUTSCHE GIROZENTRALE, FRANKFURT
DE029	WGZ BANK AG WESTDT. GENO. ZENTRALBK, DDF
DK008	DANSKE BANK
DK009	JYSKE BANK
DK010	SYDBANK
DK011	NYKREDIT
ES059	BANCO SANTANDER S.A.
ES060	BANCO BILBAO VIZCAYA ARGENTARIA S.A. (BBVA)
ES062	CAJA DE AHORROS Y PENSIONES DE BARCELONA
ES064	BANCO POPULAR ESPAÑOL, S.A.
FI012	OP-POHJOLA GROUP
FR013	BNP PARIBAS
FR014	KREDITU AGRICOLE

Kodiċi	Ismijiet ta' banek
FR015	BPCE
FR016	SOCIETE GENERALE
GB088	ROYAL BANK OF SCOTLAND GROUP PLC
GB089	HSBC HOLDINGS PLC
GB090	BARCLAYS PLC
GB091	LLOYDS BANKING GROUP PLC
HU036	OTP BANK NYRT.
IE037	ALLIED IRISH BANEK PLC
IE038	BANK OF IRELAND
IE039	PERMANENT TSB plc
IT040	INTESA SANPAOLO S.P.A
IT041	UNIKREDITU S.P.A
IT042	BANCA MONTE DEI PASCHI DI SIENA S.P.A
IT043	BANCO POPOLARE - S.C.
IT044	UNIONE DI BANCHE ITALIANE SCPA (UBI BANCA)
LU045	BANQUE ET CAISSE D'EPARGNE DE L'ETAT
MT046	BANK OF VALLETTA (BOV)
NL047	ING BANK NV
NL048	RABOBANK NEDERLAND
NL049	ABN AMRO BANK NV
NL050	SNS BANK NV
NO051	DNB NOR BANK ASA
PL052	PKO BANK POLSKI
PT053	CAIXA GERAL DE DEPÓSITOS, SA
PT054	BANCO COMERCIAL PORTUGUÊS, SA (BCP)
PT055	ESPÍRITO SANTO FINANCIAL GROUP, SA (ESFG)
PT056	BANCO BPI, SA
SE084	NORDEA BANK AB (PUBL)
SE085	SKANDINAVISKA ENSKILDA BANKEN AB (PUBL) (SEB)
SE086	SVENSKA HANDELSBANKEN AB (PUBL)
SE087	SWEDBANK AB (PUBL)
SI057	NOVA LJUBLJANSKA BANKA D.D. (NLB D.D.)
SI058	NOVA KREDITNA BANKA MARIBOR D.D. (NKBM D.D.)

Anness III: MUDELL TA' MONITORAĠĠ TA' PRESERVAZZJONI TA' KAPITAL – semiannwali

Anness IV: MUDELL TA' MONITORAĠĠ TA' MIGRAZZJONI GĦAS-CRD/CRR - annwali

Anness V: Formola għall-konferma tal-awtoritajiet kompetenti ta' konformità mar- rakkomandazzjoni

Konferma ta' konformità mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet

Data:

Membru/Stat ŻEE:

Awtorità kompetenti:

Linji gwida/rakkomandazzjonijiet:

Isem:

Pożizzjoni:

Numru tat-telefon:

Indirizz tal-posta elettronika:

Jiena awtorizzat nikkonferma l-konformità mal-linji gwida/rakkomandazzjonijiet fisem l-awtorità kompetenti tiegħi: **Iva**

L-awtorità kompetenti hija konformi jew biĥsiebha tkun konformi mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet:

Iva **Le** **Konformità parzjali**

L-awtorità kompetenti tiegħi mhix konformi, u mhix biĥsiebha tkun konformi mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet għar-**raġunijiet** li ġejjin⁶:

Dettagli tal-konformità parzjali u r-raġunijiet:

Jekk jogħġbok ibgħat din in-notifika lil compliance@eba.europa.eu⁷.

6 F'każijiet ta' konformità parzjali, jekk jogħġbok inkludi kemm tkun il-konformità u n-nuqqas ta' konformità u agħti r-raġunijiet għal nuqqas ta' konformità għall-oqsma rispettivi tas-suġġett.

7 Jekk jogħġbok innota li metodi oħra ta' komunikazzjoni ta' din il-konferma ta' konformità, bħall-komunikazzjoni għal indirizz differenti ta' posta elettronika minn dak ta' hawn fuq, jew permezz tal-posta elettronika li ma jkunx fiha l-formola meħtieġa, ma jkunux aċċettati bħala validi.